


# Il-Kan. Tez. Dun Ġużepp Micallef 50 sena saċerdot

Il-Kan. Tez. Dun Ġużepp Micallef twieled fit-8 ta' Ottubru 1931. Bħala tifel, kien aspirant ta' l-Azzjoni Kattolika fiċ-Ċirkolu San Pietru – Birkirkara. Wara li spiċċa l-Elementari, beda l-iskola sekondarja fis-Seminarju Arċiveskovili ta' Malta, il-Furjana. Fis-sena 1948 beda l-Kors tal-Filosofija u Teoloġija. Huwa ġie ordnat saċerdot fis-7 ta' Awissu 1955. Bħala qassis novell, is-superjuri għażluh biex ikun Viċi- Assistant Ekkleżjastiku taċ-Ċirkolo ta' l-Azzjoni Kattolika u Direttur Spiritwali tal-Leġjun ta' Marija. Ir-Reverendissmu Kapitlu tal-Bażilika Sta. Liena, għażlu Ċerimonjier Kapitulari, kariga li dam jokkupa sa ma laħaq Kanonku Effettiv tal-Kolleġġjata fis-sena 1964. Fis-sena 1958, ir-rettur tal-Kulleġġ San Alwiġi – B'Kara, il-mibki Patri Salvinu Darmanin SJ bagħat għalih biex jgħallem fil-Kulleġġ tal-Ġiżwiti, il-Latin, it-Taljan u r-Religjon. Huwa temm il-karriera bħala għalliem fis-sena 1992.

Ftit snin wara li qaddes, is-Soċjetà Filarmonika Duke of Connaught's Own għażlitu bħala Direttur Spiritwali minflok zijuh id-Dekan Dun Ġużepp Micallef li kien kiber fl-eta u għadu jokkupa din l-istess kariga sal-lum. Meta spiċċa l-Konċilju Vatikan it-Tieni, ir-Reverendissmu kapitlu għażlu biex jieħu ħsieb il-Liturġija u l-Kant Liturġiku fejn għal bosta snin flimkien mas-surmast Karmelo Costa għamlu mill-aħjar biex il-Liturġija l-ġdida titwettaq skond l-ispirtu Liturġiku tal-Konċilju bis-sehem sħiħ tal-fidili. L-aħħar kariga ta' Dun Ġużepp bħala Rettur ta-Knisja filjali ta' San Pawl – il-Wied B'Kara ġiet fdata lilu fis-sena 1992 wara l-mewt tal-Kan. Kuratur Vincenzo Ciappara u għadu jieħu ħsiebha sal-lum.

Il-Kumitat Ċentrali jawgura AD MULTOS ANNOS lil Kanonku Ġużepp Micallef.



*Kan. Ġ. Micallef ibierek wirja li kienet saret fis-swali tal-każin fil-12 ta' Diċembru 2000*



*Kan. Ġ. Micallef ibierek wirja tal-Ġimgħa Mqaddsa fis-swali tal-każin fil-31 ta' Marzu 2004*



*Kan. Ġ. Micallef jagħti rigal ta' tifkira lil Marika Barbara bandista tal-post fil-Christmas Home Concert 2002*